

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċċiali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

► M6 REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 605/2010

tat-2 ta' Lulju 2010

li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem ◀

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 914/2011 tat-13 ta' Settembru 2011	L 237	1	14.9.2011
► <u>M2</u>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 957/2012 tas-17 ta' Ottubru 2012	L 287	5	18.10.2012
► <u>M3</u>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 300/2013 tas-27 ta' Marzu 2013	L 90	71	28.3.2013
► <u>M4</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
► <u>M5</u>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 556/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013	L 164	13	18.6.2013
► <u>M6</u>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 209/2014 tal-5 ta' Marzu 2014	L 66	11	6.3.2014
► <u>M7</u>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/83 tad-19 ta' Jannar 2018	L 16	6	20.1.2018
► <u>M8</u>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1120 tal-10 ta' Awwissu 2018	L 204	31	13.8.2018
► <u>M9</u>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/366 tal-5 ta' Marzu 2019	L 65	1	6.3.2019

▼**B**
▼**M6**

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 605/2010

tat-2 ta' Lulju 2010

li jistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' ħalib mhux ipprocressat, prodotti tal-ħalib, kolostru u prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għall-konsum mill-bniedem

▼**B**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Is-suġġett u l-ambitu

Dan ir-Regolament jistipula li:

▼**M6**

(a) il-kundizzjonijiet tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipprocressat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru;

▼**B**

(b) il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni bħal dawn.

▼**M1**

Dan ir-Regolament għandu japplika bla ħsara għar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni speċifiċi stabbiliti f'atti oħra tal-Unjoni jew fi Ftehimiet kon-lużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

▼**M6**

Artikolu 2

L-importazzjoni ta' ħalib mhux ipprocressat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkti fil-kolonna A tal-Anness I

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipprocressat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkti fil-kolonna A tal-Anness I.

▼**B**

Artikolu 3

L-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkti fil-kolonna B tal-Anness I

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib mhux ipprocressat tal-baqar, in-ngħaġ, il-mogħoż jew il-buflu minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li ma għandhomx riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkti fil-kolonna B tal-Anness I, sakemm dawn il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn, jew ikunu ġew prodotti minn ħalib mhux ipprocressat li għaddha minn, trattament ta' pasturizzazzjoni li tinvolvi trattament wieħed ta' tisħin:

(a) b'effett ta' tisħin mill-inqas ekwivalenti għal dak miksub minn proċess ta' pasturizzazzjoni ta' mill-inqas 72 C għal 15-il sekonda;

▼B

- (b) fejn applikabbli, biżżejjed li tiġi żgurata reazzjoni negattiva għat-test ta' alkaline phosphatase li jiġi applikat immedjatament wara t-trattament ta' tisħin.

*Artikolu 4***L-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkti fil-kolonna C tal-Anness I**

1. ► **M3** L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħalib miksuba mill-ħalib mhux ipproċessat tal-baqar, tan-ngħaġ, tal-mogħoż u tal-bufl, jew, fejn awtorizzat speċiifikament fl-Anness I, mill-iġmla tal-ispeċi *Camelus dromedarius* mill-pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li huma fir-riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkti fil-kolonna C tal-Anness I, sakemm dawn il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn trattament ta' tisħin, jew ikunu ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn trattament bħal dan li jinvolvi: ◀

- (a) proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur ta' F₀ ta' tlieta jew aktar;
 - (b) trattament ta' temperatura partikolarment għolja (ultra high temperature - UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' ħażna;
 - (c)
 - (i) trattament ta' pasturizzazzjoni ta' temperatura għolja u ħin qasir (high temperature short time pasteurisation treatment - HTST) fi 72 °C għal 15-il sekonda applikat darbtejn għall-ħalib b'pH daqs jew iktar minn 7.0 li jikseb, meta applikabbli, reazzjoni negattiva għal test ta' alkaline phosphatase, applikat minnufih wara t-trattament ta' sħana; jew
 - (ii) trattament b'effett ta' pasturizzazzjoni ekwivalenti għall-punt (i) li jikseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test ta' alkaline phosphatase, applikat minnufih wara t-trattament ta' sħana;
 - (d) trattament HTST tal-ħalib b'pH taħt is-7.0; jew
 - (e) trattament HTST ikkombinat ma' trattament fiżiku ieħor billi jew:
 - (i) jitnaqqas il-pH taħt is-6 għall-siegħha, inkella
 - (ii) isir tisħin addizzjonali ta' 72 °C jew iktar, ikkombinat ma' tnixxif.
2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib mhux ipproċessat tal-baqar, in-ngħaġ, il-mogħoż u l-bufl minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li għandhom riskju tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkti fil-kolonna C tal-Anness I, sakemm dawn il-prodotti tal-ħalib ikunu għaddew minn, jew ikunu ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn, trattament li jinvolvi:
- (a) proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur ta' F₀ ta' tlieta jew aktar; jew

▼B

- (b) trattament ta' temperatura partikolarment għolja (UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' ħażna;

*Artikolu 5***Iċ-ċertifikati**

Il-kunsinni awtorizzati għall-importazzjoni skont l-Artikoli 2, 3 u 4 għandhom jiġu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell xieraq stipulat fil-Parti 2 tal-Anness II għall-prodott ikkonċernat u mimli skont in-noti ta' spjegazzjoni stipulati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness.

Madankollu, ir-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu ma għandhomx jeskludu l-użu taċ-ċertifikazzjoni elettronika jew ta' sistemi miftiehma oħra, armonizzati fil-livell tal-Unjoni Ewropea.

▼M6*Artikolu 6***Il-kundizzjonijiet ta' tranżitu u ħażna**

L-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru li mhumiex maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea iżda li jkunu destinati għal pajjiż terz kemm jew permezz ta' tranżitu immedja inkella wara ħażna fl-Unjoni, skont l-Artikoli 11, 12 jew 13 tad-Direttiva 97/78/KE, għandha tkun awtorizzata biss jekk il-kunsinni jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew parti minnu elenkata fl-Anness I għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet adattati ta' trattament għal kunsinni bħal dawn, kif previst fl-Artikoli 2, 3 u 4;
- (b) ikunu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa tal-annimali għal importazzjoni fl-Unjoni Ewropea tal-ħalib mhux ipproċessat, ta' prodotti tal-ħalib, tal-kolostru u ta' prodotti li fihom il-kolostru ikkonċernati, kif stipulat fl-attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali fil-punt II.1 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa relevanti stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness II;
- (c) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell xieraq stipulat fil-Parti 3 tal-Anness II għall-kunsinna kkonċernata u mimli skont in-noti ta' spjegazzjoni stipulati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness;
- (d) ikunu ċċertifikati bħala aċċettabbli għat-tranżitu, kif ukoll għall-ħażin meta jixraq, fuq id-Dokument Veterinarju Komuni tad-Dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 136/2004, iffirmsat mill-veterinarju ufficjalji tal-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni fl-Unjoni.

▼B*Artikolu 7***Id-derogi fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' tranżitu u ħażna**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 6, għandu jiġi awtorizzat it-tranżitu fuq it-triq jew bil-ferrovija bejn l-istazzjonijiet ta' spezzjoni magħżula fuq il-fruntieri madwar l-Unjoni Ewropea għal-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja elenkti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE⁽¹⁾, ta' kunsinni li ġejjin mir-Russja jew fi triq thom lejha, direttament jew minn pajiż terz ieħor, bil-kundizzjoni li jikkon-formaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-kunsinna tkun issiġillata b'siġill enumerat f'serje fl-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' dħul fl-Unjoni Ewropea mis-servizzi veterinarji tal-awtorità kompetenti;
 - (b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna u msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom ikunu ttimbrati "GĦAT-TRANŻITU LEJN IR-RUSSJA BISS B'PASSAĠġ MINN ĠEWWA L-UE" fuq kull paġña mill-veterinarju uffiċjali tal-awtorità kompetenti responsabbi mill-istazzjon tal-ispezzjoni konfinali;
 - (c) ikun hemm konformità mar-rekwiżiti dwar il-proċedura stipulati fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE;
 - (d) il-kunsinna tkun iċċertifikata bħala aċċettabbli għat-tranżitu fuq id-dokument komuni veterinarju tad-dħul mill-veterinarju uffiċjali tal-istazzjon tal-ispezzjoni konfinali ta' introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea.
2. M'għandhomx ikunu permessi l-ħatt jew il-ħażna kif imfissra fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE ta' kunsinni bħal dawn fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.
3. Għandhom isiru verifikasi regolari mill-awtorità kompetenti biex ikun żgurat li l-għadd ta' kunsinni u l-kwantitatiet ta' prodotti li jħallu t-territorju tal-Unjoni Ewropea jaqbel mal-għadd u l-kwantitatiet li qed jidħlu fl-Unjoni Ewropea.

▼MS*Artikolu 7a***Deroga għat-tranżitu fil-Kroazja, ta' konsenji li jkunu ġejjin mill-Bosnja-Herzegovina u destinati lejn pajiżi terzi**

1. B'deroga mill-Artikolu 6, it-tranżitu dirett bit-triq fl-Unjoni, bejn il-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' Nova Sela u Ploče, ta' konsenji li jkunu ġejjin mill-Bosnja-Herzegovina u destinati lejn pajiżi terzi, għandu jiġi awtorizzat jekk ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-konsenza tkun issiġillata b'siġill innumerat f'serje mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-ħul;
- (b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-konsenza u li jissemmew fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE jkunu ttimbrati "GĦAL TRANŻITU FL-UE LEJN PAJJIŻI TERŻI, BISS" fuq kull paġña mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-ħul;

⁽¹⁾ ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1

▼M5

- (c) ikun hemm konformità mar-rekwiżiti proċedurali previsti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE;
- (d) il-konsenza tkun iċċertifikata bħala aċċettabbli għat-tranżitu fid-Dokument Veterinarju Komuni ta' Dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 136/2004 mill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul.
2. Il-ħatt jew il-ħżin, kif definiti fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, ta' dawn il-konsenji fit-territorju tal-Unjoni ma għandux jiġi permess.
3. L-awtoritā kompetenti trid twettaq verifikasi b'mod regolari biex tiżgura li l-għadd ta' konsenji u l-kwantitajiet ta' prodotti li jħallu l-Unjoni jaqbel mal-ġħadd u l-kwantitajiet li jkunu qed jidħlu fl-Unjoni.

▼M6*Artikolu 8***It-trattament speċifiku**

Il-kunsinni ta' prodotti tal-ħalib u ta' prodotti li fihom il-kolostru awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 2, 3, 4, 6 jew 7 minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom fejn seħħet tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha jkun għie ffirmat iċċertifikat tas-saħħa, jew li wettqu tilqim kontra dik il-marda matul dak il-perjodu, għandhom jiġu awtorizzati biss għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea jekk prodotti bħal dawn ikunu għaddew minn wieħed mit-trattamenti elenkat fl-Artikolu 4.

▼B*Artikolu 9***Ir-revoka**

Id-Deċiżjoni 2004/438/KE hija revokata.

Ir-referenzi għad-Direttiva 2004/438/KE għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 10***Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Għal perjodu tranżizzjonali sal-30 ta' Novembru 2010, il-kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti b'bażi tal-ħalib kif definiti fid-Deċiżjoni 2004/438/KE li fir-rigward tagħha nħarġu ċċertifikati tas-saħħa rilevanti skont id-Deċiżjoni 2004/438/KE jistgħu jkomplu jiġu introdotti fl-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 11***Id-ħħul fis-seħħ u l-applikabilità.**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*

Għandu japplika mill-1 ta' Awissu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M6*ANNESS I*

Il-lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minnhom li huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat, prodotti tal-ħalib, kolostru (*) u prodotti li fihom il-kolostru (*) li tindika t-tip ta' trattament ta' tisħin meħtieġ għal prodotti ta' dan it-tip

“+”: il-pajjiż terz huwa awtorizzat

“0”: il-pajjiż terz mhuwiex awtorizzat

Il-kodiċi ISO tal-pajjiż terz	Il-pajjiż terz jew parti minnu	Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C
▼M7				
AE	L-Emirati ta' Abu Dabi u Dubaj tal-Emirati Għarab Magħquda (¹)	0	0	+ (?)
▼M6				
AD	Andorra	+	+	+
AL	L-Albanija	0	0	+
AR	L-Argentīna	0	0	+
AU	L-Australja	+	+	+
BR	Il-Brażil	0	0	+
BW	Il-Botswana	0	0	+
BY	Il-Belarus	0	0	+
BZ	Il-Beliże	0	0	+
▼M8				
BA	Il-Bożnja-Herzegovina	+	+	+
▼M6				
CA	Il-Kanada	+	+	+
CH	L-Isvizzera (**)	+	+	+
CL	Iē-Ċili	0	+	+
CN	Iē-Ċina	0	0	+
CO	Il-Kolombja	0	0	+
CR	Kosta Rika	0	0	+
CU	Kuba	0	0	+
DZ	L-Alġerija	0	0	+
ET	L-Etjopja	0	0	+
GL	Il-Groenlandja	0	+	+
GT	Il-Gwatemala	0	0	+
HK	Hong Kong	0	0	+
HN	Il-Honduras	0	0	+
IL	L-Iżrael	0	0	+
IN	L-Indja	0	0	+

▼M6

Il-kodiċi ISO tal-pajjiż terz	Il-pajjiż terz jew parti minnu	Kolonna A	Kolonna B	Kolonna C
IS	L-Islanda	+	+	+
JP	Il-Ġappun	+	+	+
KE	Il-Kenja	0	0	+
MA	Il-Marokk	0	0	+
ME	Il-Montenegro	+	+	+
MG	Il-Madagaskar	0	0	+
MK (***)	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	0	+	+
MR	Il-Mawritanja	0	0	+
MU	Il-Mawrizju	0	0	+
MX	Il-Messiku	0	0	+
NA	In-Namibja	0	0	+
NI	In-Nikaragua	0	0	+
NZ	In-New Zealand	+	+	+
PA	Il-Panama	0	0	+
PY	Il-Paragwaj	0	0	+
RS (****)	Is-Serbja	0	+	+
RU	Ir-Russja	0	0	+
SG	Singapor	0	0	+
SV	El Salvador	0	0	+
SZ	Is-Swažiland	0	0	+
TH	It-Tajlandja	0	0	+
TN	It-Tunežija	0	0	+
TR	It-Turkija	0	0	+
UA	L-Ukraina	0	0	+
US	L-Istati Uniti	+	+	+
UY	L-Urugwaj	0	0	+
ZA	L-Afrika t'Isfel	0	0	+
ZW	Iż-Żimbabwe	0	0	+

(*) Il-kolostru u prodotti li fihom il-kolostru jistgħu jiġu introdotti fl-Unjoni Ewropea minn pajjiżi awtorizzati elenkti fil-kolonna A biss.

(**) Iċ-ċertifikati huma skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċi fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

(***) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; il-ftehim dwar in-nomenklatura definitiva għal dan il-pajjiż se jsir wara l-konklużjoni tan-negozjati li għaddejji bħalissa dwar dan is-suġġett fil-livell ta' NU.

(****) Ħlief il-Kosovo, li bħalissa jinsab taħt amministrazzjoni internazzjonali skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

(1) Prodotti tal-ħalib magħmulin mill-ħalib tal-igħmla tal-ispeċi *Camelus dromedarius* biss;

(2) Prodotti tal-ħalib magħmulin mill-ħalib tal-igħmla tal-ispeċi *Camelus dromedarius* huma awtorizzati;

▼B*ANNESS II***▼M6****PARTI 1****II-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa**

- “Milk-RM”: Ċertifikat tas-saħħa għall-ħalib mhux iproċessat minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I maħsub għal proċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel ma jintuża għall-konsum mill-bniedem.
- “Milk-RMP”: Ċertifikat tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib mhux iproċessat għall-konsum mill-bniedem, minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.
- “Milk-HTB”: Ċertifikat tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib tal-baqar, tan-nagħaq, tal-mogħoż u tal-bufli għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna B tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.
- “Milk-HTC”: Ċertifikat tas-saħħa għall-prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna C tal-Anness I maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.
- “Colostrum-C/CPB”: Ċertifikat tas-saħħa għall-kolostru tal-baqar, tan-nagħaq, tal-mogħoż u tal-bufli u għal prodotti li fihom il-kolostru imnissla minn kolostru tal-istess speċi minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkti fil-kolonna A tal-Anness I għall-konsum mill-bniedem maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea.
- “Milk/ Colostrum-T/S”: Ċertifikat tas-saħħa tal-animali għall-ħalib mhux iproċessat, għall-kolostru, għal prodotti tal-ħalib jew għal prodotti li fihom il-kolostru għall-konsum mill-bniedem maħsuba għal tranżitu jew ħażna fl-Unjoni Ewropea.

Noti ta’ spjegazzjoni

- (a) Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz tal-oriġini, skont il-mudell xieraq stipulat fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, skont il-format tal-mudell li jikkorrispondi għall-ħalib mhux iproċessat, għall-kolostru, għal prodotti tal-ħalib jew għal prodotti li fihom il-kolostru. Dawn għandu jkun fihom, fl-ordni numerata li tidher fil-mudell, l-attestazzjoni mitluba għal kull pajjiż terz u, skont kif ikun il-każ, dawk il-garanziji supplimentari mitluba għall-pajjiż terz esportatur ikkonċernat.
- (b) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jikkonsisti minn paġna waħda stam-pata fuq iż-żewġ naħat jew, meta jkun meħtieq aktar test, b'mod li l-paġni kollha jiffurmaw entità sħiħa u li ma tistax tinfried.
- (c) Irid jiġi ppreżżentat ċertifikat tas-saħħa uniku separat għal kull kunsinna tal-prodott ikkonċernat, esportat lejn l-istess destinazzjoni minn pajjiż terz imniżżejjel fit-tabella tal-Anness I u ttrasportat fl-istess vagun tal-ferrovija, vettura tat-triq, ajrupalan jew bastiment.

▼M6

- (d) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa u t-tikketti msemmija fiċ-ċertifikat mudell għandhom jiftasslu mill-inqas f'ilsien uffiċjali wieħed tal-Istat Membru fejn issir l-ispezzjoni konfinali u tal-Istat Membru destinatarju. Madankollu, dawk l-Istati Membru jistgħu jippermettu li jiftassal fil-sien uffiċjali ieħor tal-Unjoni Ewropea minflok ftagħhom, filwaqt li għandu jiġi akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn traduzzjoni uffiċjali.
- (e) Jekk fiċ-ċertifikat tas-saħħa jinhemżu paġni addizzjonali sabiex jiġu identifikasi li-oġġetti li jiffurmaw il-kunsinna, dawk il-paġni addizzjonali għandhom jitqiesu li jiffurmaw parti miċ-ċertifikat oriġinali, dejjem jekk il-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali li jiċċertifika jkunu jidhru fuq kull paġna.
- (f) Jekk iċ-ċertifikat tas-saħħa jkun jinkludi iktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tkun numerata "*-x(in-numru tal-paġna)*" minn *y(l-għadd totali ta' paġni)* – fil-parti t'isfel tal-paġna u għandu jkollha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat allokat mill-awtoritā kompetenti fil-parti ta' fuq tal-paġna.
- (g) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa jrid jimtela u jiġi ffirmat minn rappreżentant tal-awtoritā kompetenti responsabbi li tivverifika u tiċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat, il-prodotti tal-ħalib, il-kolostru jew il-prodotti li fihom il-kolostru jissodis faw il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima IX tal-Kapitolu I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE.
- (h) L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz esportatur għandhom jiżguraw li l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE⁽¹⁾ jiġu osservati.
- (i) Il-lewn tal-firma tal-veterinarju uffiċjali għandu jkun differenti minn dak użat għall-istampar fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa. Dan ir-rekwiżit għandu jaġplika wkoll għal timbri oħra apparti t-timbri intaljati jew dawk tal-marka tal-ilma.
- (j) Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa trid takkumpanja l-kunsinna sakemm tasal l-istazzjon ta' spezzjoni fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni Ewropea.
- (k) Jekk iċ-ċertifikat mudell jiddikjara li ġerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif imiss, dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti jistgħu jiġi ingassati u inizjalati u ttimbrati mill-uffiċċjal ta' ċertifikazzjoni, jew jitħassru għal-kollox miċ-ċertifikat.

⁽¹⁾ ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.

▼M1**PARTI 2*****Mudell Milk-RM***

Ċertifikat tas-Saħħa għall-ħalib mhux iproċessat minn pajiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsub għall-iproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel ma jintuża għall-konsum uman.

PAJJIŻ:**Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettajji dwar il-kunsinna mibgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.	I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat I.3. Awtorità kompetenti ċentrali I.4. Awtorità kompetenti lokali	I.2.a.
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.	I.6.	
	I.7. Pajjiż ta' oriġini Kodiċi ISO I.8. Reġjun ta' oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO I.10.	
	I.11. Post ta' oriġini Isem Indirizz	I.12.	
	I.13. Post tat-tagħbija	I.14. Data tat-tluq	
	I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun ferrovjarju <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji	I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.	
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott bażiku	I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi HS)	I.20. Kwantità
	I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali <input type="checkbox"/> Kiesaħ <input type="checkbox"/> Iffriżat <input type="checkbox"/>		I.22. Għadd ta' pakketti
	I.23. Nru tas-Siġill/Kontenituru		I.24. Tip ta' imballaġġ
	I.25. Prodotti bażiċi ċċertifikati għal: Proċess ulterjuri <input type="checkbox"/>		
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew id-dħul fl-UE <input type="checkbox"/>		
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi Impjant tal-manifattura Għadd ta' pakketti Speċi (isem xjentifiku) Piż nett Numru tal-lott			

▼M1

Mudell Milk-RM
Ħalib mhux ipproċessat

PAJJIŻ	II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Parti II: Ċertifikazzjoni	II.1. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali <p>Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxu mid-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2002/99/KE u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 u b'dan niċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat deskrirt hawn fuq inkiseb minn annimali:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali, (b) li kienu f'pajjiż jew fparti minnu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u r-rinderpest (pesta tal-bovini) għall-perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data ta' dan iċċertifikat, u fejn ma twettaqx tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu. (c) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u (d) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Annex III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE; 		
	II.2. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika <p>Jien, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxu mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat deskrirt hawn fuq ġie prodott skont dawk id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari li:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) ġej minn impriżi reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u kkontrollati skont l-Annex IV tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, (b) ġie prodott, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie trasportat skont il-kundizzjonijiet spċifici tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Annex III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, (c) jissodisa l-kriterji tal-plate count u tal-għadd somatiku taċ-ċelloli stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Annex III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, (d) il-garanziji fuq l-status tar-residwi tal-ħalib mhux ipproċessat ipprovduti mill-pjanjet ta' monitora għad-detezzjoni tar-residwi jew is-sustanzi ppreżentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE, u b'mod partikolari, l-Artikolu 29 tagħha, huma ssodisfa; (e) skont l-ittejtjar għar-residwi ta' farmaċewtiċi antibatteriċi mwettaq mill-operatur tan-negozju tal-ikel skont ir-rekwiżiți tal-Annex III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu I, il-Parti III, il-punt 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, dan jikkonforma mal-limiti massimi tar-residwi għar-residwi tal-prodotti veterinarji mediċinali antibatteriċi stipulati fl-Annex tar-Regolament (UE) Nru 37/2010; (f) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarrantixxu l-konformità mal-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċidi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006. 		
Rimarki <p>Dan iċċertifikat huwa maħsub għall-ħalib mhux ipproċessat minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Annex I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsub għall-ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel ma jintuża għall-konsum uman.</p>			
Parti I: <ul style="list-style-type: none"> — Kaxxa I.7: Aġhti l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidhru fl-Annex I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010. — Kaxxa I.11: Issem, indirizz u numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment li qed jibgħat — Kaxxa I.15: In-numru ta' regiżstrazzjoni (vaguni tal-ferrovja jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, il-kunsin natur għandu jinforja lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera bid-dħul fl-Annex I. — Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi adattat tas-Sistema Armonizzata (HS) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02 jew 04.03. — Kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali. — Kaxxa I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi. — Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal in-numru ta' approvazzjoni tal-azjenda/azjendi tal-produzzjoni, iċ-ċentru tal-ġbir jew iċ-ċentru tal-standardizzazzjoni approvat għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea. 			

▼M1

PAJJIŻ <i>Mudell Milk-RM Ħalib mhux ipproċessat</i>		
II. Tagħrif dwar is-saħħha	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Parti II: — Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tappiġi l-istess regola għat-timbru minbarra dawk ibbzuzzati fil-karta jew marka tal-ilma.		
Il-veterinarju uffiċċjali Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu: Data: Firma: Timbru:		

▼M1***Mudell Milk-RMP***

Ċertifikat tas-Saħħaa għall-prodotti tal-ħalib għall-konsum uman imnissla mill-ħalib mhux ipproċessat minn pakkjizi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea

PAJJIŻ:**Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji dwar il-kunsinna mitgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat I.3. Awtorità kompetenti ċentrali I.4. Awtorità kompetenti lokali	I.2.a.	
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.		I.6.		
	I.7. Pajjiż ta' oriġini Isem Indirizz	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini Isem Indirizz	Kodiċi ISO	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni I.10.
	I.11. Post ta' oriġini Isem Indirizz		I.12.		
	I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq		
	I.15. Mezz ta' trasport Ajrulplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun ferrovjarju <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Ohraju <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.		
	I.18. Deskriżzjoni tal-prodott bażiku		I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi HS)		I.20. Kwantità
	I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali <input type="checkbox"/> Kiesah <input type="checkbox"/> Iffriżat <input type="checkbox"/>		I.22. Għadd ta' pakketti		
	I.23. Nru tas-Siġill/Kontenituru		I.24. Tip ta' imballaġġ		
	I.25. Prodotti bażiċi iċċertifikati għal: Konsum uman <input type="checkbox"/>				
	I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew id-dħul fl-UE <input type="checkbox"/>		
	I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi				
	Impjant tal-manifattura	Għadd ta' pakketti	Speċi (isem xjentifiku)	Piż nett	Numru tal-lott

▼M1

<i>Mudell Milk-RMP</i>		
PAJJIŻ	Prodotti tal-ħalib imnissia mill- ħalib mhux ipproċessat għall-konsum uman	
II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat
II.1. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Animali		
<p>Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2002/99/KE u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodotti tal-ħalib deskritti hawn fuq ġew immanifaturati minn ħalib mhux ipproċessat li nkiseb minn annimali:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali, (b) li kienu fpajjiż jew fparti minnu ħielsa mill-marda tal-ħisien u d-dwiefer u r-rinderpest (pesta tal-bovin) għall-perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data ta' dan iċ-ċertifikat, u fejn ma twettaqx tilqim kontra l-marda tal-ħisien u d-dwiefer matul dak il-perjodu, (c) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda tal-ħisien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u, (d) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-animali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE; 		
II.2. Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika		
<p>Jien, l-ispettura uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jien konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-prodotti tal-ħalib magħmul mill-ħalib mhux ipproċessat deskrift hawn fuq ġie prodott skont dawk id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari li:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) ġie manifaturat minn ħalib mhux ipproċessat li: <ul style="list-style-type: none"> (i) ġej minn impriżi reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u kkontrollati skont l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, (ii) ġie prodott, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie trasportat skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004, (iii) jissodisfa l-kriterji tal-plate count u tal-għadd somatiku taċ-ċelloli stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, (iv) jikkonforma mal-garanziji fuq l-istatus tar-residwi tal-ħalib mhux ipproċessat ipprovduti mill-pjanijiet ta' monitoraġġ għad-deteżżjoni tar-residwi jew is-sustanzi ppreżentati skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE, u b'mod partikolari, l-Artikolu 29 tagħha, (v) skont l-ittejjjar għar-residwi ta' farmaċewtiċi antibatteriċi mwettaq mill-operatur tan-negożju tal-ikel skont ir-rekwiżi tal-Anness III, it-Taqsima IX, il-Kapitolu I, il-Parti III, il-punt 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jikkonforma mal-limiti massimi tar-residwi għar-residwi tal-prodotti veterinarji mediċinali antibatteriċi stipulati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010; (vi) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarrantixx l-konformità mal-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċċidi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1861/2006. (b) ġej minn stabbiliment li jimplimenta programm ibbażat fuq il-prinċċipi HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004; (c) inkiseb minn ħalib mhux ipproċessat li ma għaddha minn l-ebda trattament ta' tisħin u l-ebda trattament fiżiku jew kimiku matul il-proċess ta' manifattura, (d) tgeżwer, sarlu imballaġġ u ġie ttikkettat skont il-Kapitolu III u IV tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, (e) jissodisfa l-kriterji mikrobiologici rilevanti stabiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobiologici għall-oġġetti tal-ikel, u (f) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħihom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew ippreżentati skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, ġew issodisfati. 		

Part II: Certification

▼M1

PAJJIŻ <i>Mudell Milk-RMP</i> Prodotti tal-ħalib imnissla mill-ħalib mhux ipproċessat għall-konsum uman					
II.	Tagħrif dwar is-saħħha	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat			
Rimarki <p>Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għal prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib mhux ipproċessat, minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsuba għall-importazzjoni fl-Unioni Ewropea.</p> <p>Parti I:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kaxxa I.7: Aġħi l-isem u l-kodiċi ISO tal-pajjiż jew parti minnu kif jidhru fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010. — Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment li qed jibgħat. — Kaxxa I.15: In-numru ta' regiestrazzjoni (vaguni tal-ferrovja jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). F'każ ta' trasport fkontejners, in-numru totali tal-kontejners u n-numri tar-regiestrazzjoni tagħhom, u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill, irid ikun indikat fil-kaxxa I.23. Fil-każ tħadd jew tagħbi ja mill-għid, min qed jikkunsinna għandu jinforma lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera bid-dħul tiegħu fl-Unioni Ewropea. — Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi adattat tas-Sistema Armonizzata (HS) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02; 04.03; 04.04; 04.05; 04.06; 17.02; 21.05; 22.02; 35.01; 35.02 jew 35.04. — Kaxxa I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali. — Kaxxa I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi. — Kaxxa I.28: Impjant tal-manifattura: daħħal in-numru ta' approvazzjoni tal-azjenda/azjendi tal-produzzjoni, iċ-ċentru tal-ġbir jew iċ-ċentru tal-istandardizzazzjoni approvat għall-esportazzjoni lejn l-Unioni Ewropea. <p>Parti II:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tapplika l-istess regola għat-timbri minbarra dawk ibbzuzzati fil-karta jew marka tal-ilma. <tr> <td colspan="3"> Il-veterinarju uffiċjal Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu: Data: Firma: Timbru: </td> </tr>			Il-veterinarju uffiċjal Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu: Data: Firma: Timbru:		
Il-veterinarju uffiċjal Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu: Data: Firma: Timbru:					

▼M1**Mudell Milk-HTB**

Ċertifikat tas-Saħħa għall-prodotti tal-ħalib imnissla minn ħalib tal-baqrar, ngħaġ, mogħoż u bufli għall-konsum uman minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati fil-kolonna B tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 605/2010 maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea

PAJJIŻ:**Ċertifikat veterinarju għalli-UE**

Parti I: Detajji dwar il-kunsinna mibgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.				I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat I.3. Awtorità kompetenti ċentrali I.4. Awtorità kompetenti lokali	I.2.a.	
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.				I.6.		
